Leħen is-Soċjetà Muġikali

San Lawrenz

Belt Vittoriosa *A.D. 1883*

Ħarġa Nru. 86

Marzu - April 2015

Welcome to BeBirgu!

BeBirgu

BeBirgu is Birgu's newest place to be!
Situated in the completely renovated
SAN LAWRENZ Band Club at the Victory Square.

BeBirgu welcomes you every day of the year
for drinks and great food
served in a European Brasserie setting
with a nice lounge style open air patio.

BeBirgu, San Lawrenz Band Club
Victory Square, Birgu
Tel: 77220077 | E-mail: Ed@bebirgu.com

Olde City Pub
is the Best

Restaurant, Take Away & Pizzeria

Prop. Michael Darmanin

99, St Lawrence Street, Vittoriosa
Tel: 21 663 614

Fava Woodworks Co. Ltd.

KW 17B, Corradino Industrial Estate, Paola
Tel: 2182 7650

Manufacturers of all types of Wooden Mouldings

Showrooms at the Factory and
80, St. Joseph High Road, Hamrun

SPECIAL PRICES FOR FURNISHED FLATS OWNERS

Kejkijiet ghall-Parties tat-tfal

Aghżel bejn Bob the Builder, Barbie, Dora,
Princess, Superman, Hello Kitty, etc.

Ċempel lil Steffi fuq 99426970 jew
e-mail: steffibugeja@yahoo.com

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

Il-Kelma tal-President

Lawrence V. Farrugia

Fost il-ħafna mpenji fix-xhur li ġhaddew kellna l-ġhażla tas-Surmast Direttur tal-Banda u l-ġhażla ta' Kumitat ġdid ġhas-sentejn li ġejjin. Dwar l-ewwel attivita` nħalli f'idejn dawk li kienu mpenjati direttament f' din l-ġhażla mportanti ġhal Banda. Nkun nonqos jekk ġhal darba oħra ma nesprimix l-apprezzament tiegħi ġhax-xogħol u l-mod professjonali li l-Kummissjoni Banda mexxiet din l-ġhażla. Irrid ukoll nifrah lis-Surmast Jonathan Abela is-Surmast Direttur gdid, nwieġhdu l-ġhajnuna kollha tagħna u nawguralu aktar suċċessi fil-karriera mużikali tiegħu.

Ġhall-ewwel darba din is-sena n-nomini ġhall-Kumitat saru minn qabel il-laqgħa ġenerali minflok kif kien isir qabel waqt il-laqgħa. Dan it-tibdil ħadem tajjeb u nifhem li hija proċedura aħjar minn ta' qabel. Li tweġġġħek li fi proċess importanti ħafna ġhas-Soċjeta` tagħna, n-nuqqas ta' nteress li jeżisti fost il-membri u anke bandisti li ma jattendux ġhal dawn il-laqgħat u jkollhom sehem dirett fl-ġhażla tal-Kumitat. Kif nafu f'dawn il-laqgħat jinqraw rapport amministrattiv u finanzjarju biex dawk preżenti jkunu nfurmati aktar dwar kif is-Soċjeta` tagħna ġiet amministrata. Ġhal dawn is-sentejn li ġejjin ġhandna membri li ma setgħux jibqgħu fil-Kumitat u ġhandna żewġ membri żgħażagħ ġodda li se jservu fil-Kumitat Ċentrali ġhall-ewwel darba. Kellna wkoll ħatra ta' Segretarju ġdid minflok is-Sur Bjorn Callus li minħabba mpenji ta' xogħol ma jistax jibqa' f'din il-kariga importanti. Filwaqt li nirringrazzja lis-Sur Bjorn Callus ġhall-ħidma li wettaq matul is-snin bħala Segretarju, nifraħ lis-Segretarju l-ġdid is-Sur Paul Bongailas.

Ix-xogħol fuq il-wirja Getsemani miexi tajjeb u tieħu pjaċir tara l-membri tal-Kumitat flimkien ma' dawk tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira jaħdmu flimkien biex jaraw li jżommu din il-wirja fl-ogħla livell.

Nixtiequ naraw aktar membri jmiddu jdejhom biex jgħinu f'dan ix-xogħol kbir biex tarma, żżarma u terfa' kollox f'postu. Fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru nhar il-Ġimgħa l-Kbira u Ħadd il-Ġħid, is-Soċjeta` tagħna hija mpenjata bis-sehem tal-banda fil-proċessjoni. Minħabba li n-numru ta' bandisti tal-lokal huwa żgħir ikollna nqabbdu numru ta' bandisti barranin li f'dawn il-ġranet il-ħlas tagħhom huwa ħafna iktar min-normal minħabba li f'dawn il-ġranet jkun hemm domanda kbira ġhall-bandisti ġhas-sempliċi raġuni li jsiru ħafna proċessjonijiet fl-istess ħin f'numru ta' Bliet u Rħula ta' Malta.

Irrid nirringrazzja lill-Arċipriet li meta tkellimna dwar din il-problema, fehmna u se jgħin din is-sitwazzjoni.

Diġa` bdejna nfasslu programm ġhall-attivitajiet li jsiru fil-ġranet tal-festa ta' San Lawrenz. Din is-sena fit-3 t' Awwissu se jsir programm mużikali addizjonali fuq il-planċier bħala apprezzament lis-Surmast Pawlu Schembri ġhall-35 sena servizz li ta lill-Banda tagħna u jagħti l-pakketta lis-Surmast il-ġdid Jonathan Abela. Qieġhed jiġi kkunsidrat ukoll biex jekk jitlesta' d-dawl u l-ftit irtokk li fadal jiġi inawgurat ix-xogħol li sar fuq il-faċċata.

Dawn l-attivitajiet flimkien ma' numru ta' proġetti u ħafna xogħol li jsir fil-Każin jkomplu jżidu l-impenn lill-membri tal-Kumitat biex isibu sponsors u jorganizzaw attivitajiet biex jinġabru l-flus.

Nixtiequ naraw aktar konkorrenza fl-attivitajiet li jsiru. Il-kummissjoni diġa` ħejjiet programm t' attivitajiet sax-xahar t' Awwissu li qegħdin nippubblikaw f'din il-ħarġa.

Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat ġie diskuss l-budget ġhal din is-sena li jservi ta' gwida ġhall-Kumitat fl-amministrazzjoni tal-finanzi. B'sodisfazzjon ngħidu li meta f'Jannar sar studju tar-rapport finanzjarju, dan kien konformi mal-budget li l-Kumitat kien ħejja fil-bidu tas-sena l-oħra.

Dan l-aħħar konna kostretti li nfakkru lil ftit membri li kienu ġhadhom ma ħallsux il-menswalita` tas-sena li ġhaddiet. M'hix ġusta ġhall-Kaxxier li mal-ħafna xogħol li ġhandu jrid joqgħod jittallab biex jiġbor il-miżata miżera ta' 10 ewro. Nieħdu pjaċir naraw numru kbir ta' Membri li fil-bidu ta' Jannar jiġu jħallsu l-miżata u bħala apprezzament jingħataw desk diary li jiswa madwar 5 ewro. Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li jissaportjaw lis-Soċjeta` tagħna nawguralkom l-Ġħid it-Tajjeb..

Werrej

Il-Kelma tal-President	3
Mill-Birgu tal-Imgħoddi	5
Fuq nota differenti	6
Riflessjonijiet Spiritwali	6
Kumitat 2015-2016	7
Attivitajiet Soċjali	7
Kompożituri Famużi	8/9
Jonathan Abela Surmast Direttur tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz	9
Ġħalina n-Nisa	10
Il-Ministeri fil-Bibbja u fil-Knisja tal-Bidu	11
Wiċċ'Imb'Wiċċ ma' Jonathan Abela	12/13
Attivitajiet Marzu/April	14

Editur
Simon Farrugia

Riklami
Oscar Adami
Simon Farrugia
Lawrence V. Farrugia
Elton J. Randich

Proofreading
Bjorn Callus

Ritratti
Melvin Degiorgio
Noel Gauci
Lawrence Parascandolo

Ritratt Faċċata

L-istatwa ta-Kurċifissjoni 'il-Vara l-Kbira' fil-Knisja Konventwali u Matriċi ta' San Lawrenz

Stampat

Triq l-Industrija, Qormi
Tel: 21 250 994 Mob: 9949 0344
printright@onvol.net

Sunset Chill

EVERYONE LOVES THEIR PJAZZA

P J A Z Z A R E Ġ I N A

Soft, smooth and mellow, perfect at the end of the day.

RED WHITE ROSÉ 3 SENSATIONAL I.Ġ.T. QUALITY WINES

delicata.com

Mill-Birgu tal-Imgħoddi

Anton Attard

Is-Swar li jdawru Beltna

Billi nsibuna mdawrin bihom sa minn ċkunitna, bħal drajnihom u ftit nagħtu każ tal-privileġġ tagħna l-Vittoriosani, li beltna hija mdawra bi swar massiċċi li ftit ferm hemm bħalhom fi bliet oħra, kemm fl-Ewropa u anki 'l barra minnha. Dan jikkonfermawh l-eloġji li kienu għamlu l-mexxejja tal- Walled Towns Association, li fiha ġie affiljat il-Birgu, snin ilu, mis-Soċjeta' Storika-Kulturali ta' din il-belt u, aktar tard kompla din l-affiljazzjoni, sal- ġurnata ta' 'llum, il-Kunsill Lokali.

Dawn is-swar għandhom importanza mhux żgħira, kemm fi ġrajjiet beltna kif ukoll f'dik ta' Gżiritna. Kienu nbnew f'diversi stadji, skond iċ-ċikustanzi u l-ħtieġa tul iż- żmien li dam fostna l-Ordni ta' San Ġwann.

L-ewwel ma beda kien il-Gran Mastru L' Isle Adam ftit wara li l-Ordni għażel lildin il-belt bħala s-sede tiegħu. Kien tqabbad l-inginier militari Taljan Ferramolino u fuq pariri tieghu, issaħħaħ Kastell Sant' Anġlu u nbnew xi swar madwar il-Birgu, li komplew issaħħu mill-Gran Mastru D'Homedes

De Valette, aktar tard, wara li kellu xamma li l-Misilmin kienu għajnejhom fuq Malta, fl-1564 żied magħhom u kompla saħħaħhom. Dawn swew mhux ftit biex Malta ħarġet rebbieħa fl-Assedju l-Kbir li seħħ sena wara.

Wara l-assedju, li fih intebħu b'certi difetti li kien hemm, kif ukoll konxji mill-ħsarat li ġarrbu dawn is-swar, l-Ordni ra li jkun aħjar li dawn jissaħħu u fl-1588 bdew xi xogħlijiet, fosthom il-bini ta' żewġ torrijiet iħarsu lejn il-firxa art ta' Santa Margerita, f'Bormla u l-għolja tas-Salvatur, fil-Kalkara. Iżda sfortunatament dawn ħadu fit-tul wisq, billi fl-istess żmien, kienet qed tiġi ffortifikata l-Belt Valletta.

Meta fl-1715, fi żmien il- GM. Perellos, saret spezzjoni tad-difiża tal-Birgu mill-inginiera militari Tigne' u Mondion, dawn osservaw diversi difetti u għamlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet, fosthom it-tisħih immedjat tax- xaqlibiet li jħarsu lejn Bormla, il-Ħawli u l-Kalkara.

Ħafna minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew fis-seħħ fi żmien il-Gran Mastru Vilhena. Il-fażijiet ta' tmiem dan ix-xogħol wieħed jista jarah fid-dati minquxin fuq il-bibien li saru fis-swar modifikati li huma l-Bieb ta' Aragona, li jġib id-data1722, Couvre Port fl-1723, u l-Bieb ta' Provenza fl-1727. Fost dawn ix-xogħlijiet imsemmija hemm it-tiġdid li sar fit-torrijiet li kienu nbnew fl-1588 – dak ta' S.Ġwann u dak ta' S.Ġakbu.

IT-TORRI TA' SAN ĠWANN

Il-mod li bih ġie mfassal dan it-torri li jinkludi fih żewġ livelli għall-kanuni, irrendewh uniku fis-sistemi ta' difiża wżati hawn Malta. Tlesta bejn l-1723 u l-1727. Sfortunatament, minflok serva ta' difiża għall-Maltin kontra l-forzi misilimin, dan it-torri serva ta' difiża għall-forzi Franċiżi kontra l-Maltin fi żmien l-imblokk, fi tmiem is-seklu tmintax.

IT-TORRI TA' SAN ĠAKBU

Dan it-torri sar biex isaħħaħ id-difiża tal-Posta ta Kastilja flimkien ma' firxa ta' art li tibda minfejn l-għolja ta' Santa Margerita f'Bormla sa l-għolja tas-Salvatur, fil-Kalkara. Għandu livell wieħed ta' artillerija li qed tħares lejn il-firxa msemmija. Grajjet dan it-torri ma' tintrabatx biss ma' zmien l-Ordni. Fil-bidu tal-gwerra li għaddiet, f'waħda mill-mini li hemm taħtu, bdew jieħdu kenn uħud minn dawk li għażlu li jibqgħu jgħixu 'l Birgu. Dan wassal biex f'wieħed mill-imħażen li hemm taħtu, din il-belt kellha tara l-ewwel vittmi tal-gwerra fiha. Kienu omm, flimkien ma tliet uliedha, wara li bomba niżlet fuq it-torri u sfrundat is-saqaf ta' wieħed, mill-imħażen. Mal-wasla tal-Ingliżi dan it-torri u l-imħażen ta' taħtu servew anki ta' sptar għas-suldati tar-Reġimenti stazzjonati fil-Kottonera.

Ta' min jgħid ukoll li din il-wesgħa bejn it-torri ta' S. Ġwann u S.Ġakbu, minkejja li ssemmiet Triq it-Torri ta' San Ġwann, mannies tal-Birgu hi aktar magħrufa bħala 'fuq is-sur tal-kurdari'. Dan għax, billi hi twila u dritta, sa minn żmien l-Ordni, hawn kienu jaħdmu l-ħbula tant ta' ħtieġa għall-bastimenti tal-qlugħ li kienu jsorġu mal-kosta ta' din il-belt. Dawn il-ħaddiema fil-Knisja ta' San Lawrenz, kienu waqqfu l-Fratellanza ta' Santa Katerina, il-qaddisa protettriċi tagħhom. Tifkira tagħhom hemm l-istatwa ta' din il-qaddisa f'niċċa fil-kappella ddedikata lilha.

Korrezzjoni: Fl-artiklu tal-aħħar ħarġa ta' dir-rivista dwar il-Kulleġġ ta' St. Edward's, irrid nippreċiża li żewġ Lady Strickland kien GERALD mhux Roger. Ħajr lis-Sur J.C Azzopardi li ġibed l-attenzjoni għal dan in-nuqqas.

Fuq nota differenti ... minn Bjorn Callus

Hekk hu għeżież qarrejja. Qiegħed nikteb dan l-artiklu fuq nota differenti mill-artikli l-oħra li ktibt fil-passat. Forsi ħafna minnkom staqsew x'kienet ir-raġuni li wasslitni biex ma nibqax Segretarju tas-Soċjetà. Nserrħilkom raskom li ma kinitx deċiżjoni ispirata minn xi diżgwid jew għax iddejjaqt, jew min jaf liema raġuni. Il-verita` hi minħabba x-xogħol personali ser tkun impossibbli li nkompli naqdi dmirijiet fil-każin. Dan għaliex sas-sena 2017, ser inkun qiegħed naħdem ġewwa Brussell fuq xogħol relatat mal-Presidenza li Malta ser ikollha tal-Unjoni Ewropeja.

Għalkemm għalija personali hi esperjenza eċċitanti, min-naħa l-oħra ddispjaċieni li ser ikolli nwaqqaf għal perjodu ta' żmien l-involviment tiegħi fil-każin b'mod attiv. Madanakollu xorta waħda ser nkun qiegħed noffri s-sapport kollhu meħtieġ kemm lis-Soċjetà, speċjalment lis-suċċessur tiegħi fuq materji li għandhom x'jaqsmu mas-Segretarjat, kif ukoll fir-rigward tal-Banda. M'hemm l-ebda dubju li xorta waħda ser inkun qed ningħaqad magħkom għall-Festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid u fuq kollox għall-Festa ta' San Lawrenz.

Dispjaċir ieħor personali hu l-fatt wara li ħdimna u stinkajna, u anke investejna bil-kbir biex għażilna Surmast b'mod demokratiku għall-aħħar, mhux ser jirnexxieli nkun hawn għall-ewwel snin ta' ħidma tas-Surmast il-ġdid. U kif semmejt il-proċess tal-għażla, kien ta' sodisfazzjon kbir il-fatt li l-maġġoranza assoluta tal-persuni midħla tal-baned tgħallmu u faħħru ħafna l-mod professjonali ta' kif saret l-għażla, u mhux magħżul mill-kumitat mingħajr kompetizzjoni ta' xejn. Nassigurakom li fiż-żmien futur ser naraw diversi soċjetajiet li jirrikorru għal dan it-tip ta' eżerċizzju, għax urejna bil-fatti li kulħadd kellu l-istess ċans u intgħażel l-iktar kandidat li kien ippreparat u li mar tajjeb fiż-żewġ livelli ta' din l-għażla, jiġifieri l-interview u l-Audition. Ta' min jgħid ukoll li Mro Jonathan Abela diġa` beda l-ħidma tiegħu fi ħdan is-Soċjetà u diġa` ddiskutejna numru t'affarijiet flimkien. Insemmi biss li din is-sena għal darb'oħra ser jerġa' jkollna żewġ Programmi Mużikali fi spazju ta' ġimgħa. Dan ifisser sfida kbira għalina għaliex ser nkunu għaddejjin b'żewġ settijiet ta' kunċerti fl-istess żmien, kif ukoll preparazzjoni ta' ħafna mużika u kopertini u dak kollu li għandu x'jaqsam loġistikament mal-organizazzjoni tal-Programmi Mużikali li nagħmlu.

Jien minn qalbi nawgura lis-Surmast il-ġdid tul ta' żmien f'din il-kariga sabiex jinkisbu iktar suċċessi kemm mis-Soċjetà kif ukoll minnhu nnifsu stess. Nawgura wkoll lill-Kumitat il-ġdid tas-Soċjetà sabiex f'dawn is-sentejn ikompli jaħdem bl-istess ritmu tal-aħħar snin fejn rajna ħafna xogħol u investiment iseħħ ġewwa l-każin tagħna. Fuq kollox nawgura li dawk kollha li għandhom għall-qalbhom il-każin tagħna u l-Festa jersqu viċin l-entitajiet rispettivi u jmiddu idhom għax-xogħol u l-għajnuna volontarja f'kull aspett li hi tant bżonnjuża. Jien hekk ser nagħmel, ser ngħin kif nista', u meta niġi lura fl-2017, jekk il-Kumitat ikollu pjaċir bija, ser nerġa' nitfa' ismi għall-Kumitat. Nittama li sa dakinhar inkun qed nara iktar uċuh ġodda fis-Soċjetà tagħna. Tislijiet.

Ħsieb Spiritwali *minn Fr Martin Mamo OFMCap.*

Djalogu bejn Ġesù u jien.
Nitkellem ma' Ġesù

Ġesù, illum għandi mistoqsija x'nagħmillek jekk jogħġbok. Għalfejn lil Pietru wara li ċaħdek tliet darbiet, int ħfirtlu mal-ewwel? Mhux talli ħfirtlu, iżda għamiltu l-kap tal-knisja. Kont għidtlu li fuq din il-blata se tibni l-knisja tiegħek. Iżda lil Ġuda l-Iskarjota miskin, anqas biss qisek tajtu ċans, u spiċċa kif spiċċa?

Jirrispondi Ġesù.

Hekk taħseb li ma tajtux ċans lil Ġuda?
Lil dan jien tajtu ċans ikun miegħi fl-aħħar ċena, ħsiltlu saqajh fl-aħħar Ċena, u mhux biss, imma tajtu wkoll biċċa ħobż milli kont qed niekol jien f'din l-ikla. Ġuda ma kienx raġel ħażin imma ma fehemx li jien mhux mir-Rumani kont se neħlishom kif xtaq hu, imma mid-dnub. Ġuda ma kellux sabar jieqaf u jgħatini ċans inkellmu u nħares fiss f'għajnejh.
Int ukoll bħal Ġuda xi kulltant mhux kapaċi tieqaf u tismani nkellmek f'xi qrara, jew f'xi kors ezerċizzji tar-Randan, jew fil-ġabra ta' darek fit-talb?

Talba.

Mulej, jien ukoll bħal Ġuda xi kultant ma nifhmekx. Meta ma nifhmekx, nittradik u nwarrbek. Aħfirli Ġesù. Għallimni nieqaf nirrifletti fis-skiet l-andament ta' ħajti, biex fis-skiet inħallik tħares lejja bħalma ħarist lejn Pietru, u dik il-ħarsa tikkonvertini.

KUMITAT TAS-SOĊJETA' MUŻIKALI BANDA VITTORIOSANA SAN LAWRENZ GĦAS-SNIN 2015 - 2016

Patrun tas-Soċjeta'	L-Emminenza Tiegħu Kardinal Prospero Grech OSA
Presidenti Onorarji	L-Eċċ. Tiegħu Dott Ugo Mifsud Bonnici
	L-Eċċ. Tiegħu Fra John Edward Critien
	Is-Sur Joseph Scicluna
	Is-Sur Tony Cassar
	Is-Sur Lorenzo Zahra
Kappillan	Wisq Rev. Kan. Arcipriet Joe Cilia
President	Is-Sur Lawrence V. Farrugia
Viċi President	Is-Sur Anthony Gauci
Segretarju	Is-Sur Paul Bongailas
Kaxxier	Is-Sur Oscar Adami
Assistent Segretarju	Is-Sur Eugenio Pellicano
Assistent Kaxxier	Is-Sur Carmelo Scicluna
Delegat tal-Banda	Is-Sur Bjorn Callus
Arkivista	Is-Sur Simon Farrugia
Deputat	Is-Sur John Pisani
Rappreżentanti tal-Membri	Is-Sur John Attard
	Is-Sur Miguel Mifsud
	Is-Sur Lawrence Pace
Kuratur	Is-Sur Lawrence Pace
Ass.Kuratur	Is-Sur Carmelo Scicluna
Rappreżentanti Għaqda	Is-Sur Simon Farrugia
Każini tal-Banda	Is-Sur Paul Bongailas
***Surmast Direttu*r	Mro. Paul Schembri M.I.S.M., M.I.W.M.
Surmast Direttur Suċċessur	Mro. Jonathan Abela A.Mus.LCM
Assistent Surmast	Mro. Ugo Buhagiar Dip.Mus.B.Mus.T. (U.K.)
Awdituri	Is-Sur Mark Bugeja
	Is-Sur Joseph Zammit

Attivitajiet Soċjali għax-xhur li ġejjin

Is-Sibt 4 ta' April	Wara l-funzjoni ta' Sibt il-Għid Buffet fil-Każin
Il-Ġimgħa 30 ta' April	Ħarġa għall-Irġiel f'Għawdex
L-Erbgħa 27 ta' Mejju	Ikla ta' l-Ewwel Erbgħa fil-biħa tal-Każin
Is-Sibt 27 ta' Ġunju	BBQ fil-Cavallieri Hotel, San Ġiljan
Is-Sibt 25 ta' Lulju	Ikla tal-Festa fil-biħa tal-Każin
It-Tnejn 10 ta' Awwissu	L-ikla tal-Festa fid-Don Berto Restaurant, Vittoriosa Waterfront
Il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu	BBQ fid-Danish Village

Kompożituri famużi
Ruggiero Leoncavallo

jikteb Christopher Pisani

Meta ssemmi l-'Mużika Klassika f'Malta', ħafna jsemmulek siltiet mill-opra taljana. L-Influwenza li kellna mill-pajjiż qaribna l-Italja f'dik li hi mużika, kienet waħda kbira. Xhieda ta' dan hi li meta l-Każini tal-baned kienu fl-aqwa tagħhom, kienu ħafna dawk is-Soċjetajiet li għażlu surmastrijiet diretturi Taljani. Is-Soċjeta` tagħna ma kienetx inqas minnhom meta fl-1907, dak iż-żmien il-Banda Duke of Edinburgh, kienet għażlet lis-surmast Sqalli Giovanni Giumarra. Infatti wkoll, meta ssaqsi lin-nies ta' ċertu eta` 'x'inhi l-mużika klassika', kollha jsemmulek il-'Brindisi' ta' La Traviata jew 'La Donna e' Mobile' (it-tnejn ta' Giuseppe Verdi), jew 'Nessun Dorma' (Giacomo Puccini), jew inkella 'Vesti la giubba' (Ruggiero Leoncavallo, il-kompożitur li jmiss).

Personalment, 'Vesti la giubba', wara li ngħatat spinta 'l quddiem mill-ewwel rekordings bikrin tat-tenur ċelebri Enrico Caruso, kienet is-silta li ġibditni lejn dan il-kompożitur. Iżda ġara li, meta tisma' l-opra kollha I Pagliacci, tinduna kemm fl-opra kollha m'hemmx biss 'Vesti la giubba' imma hemm arji iktar sbieħ u iktar interessanti, bħal ngħidu aħna 'No, pagliacco non son'.

Leoncavallo twieled f'Napli, fl-Italja nhar it-23 t' April tal-1857. Hu kien ingħata l-isem ta' Ruggiero Giacomo Maria Giuseppe Emmanuele Raffaele Domenico Vincenzo Francesco Donato Leoncavallo. Naqra twil bħala isem! Leoncavallo kien iben il-Maġistrat Vincenzo u Virginia D'Auria, bint pittur famuż Naplitan. Meta kien żgħir, hu flimkien mal-ġenituri tiegħu mar jgħix f'Montalto Uffugo f'Calabria. Iżjed tard, wara li qatta l-adoloxxenza tiegħu f'Calabria, niżel lura f'Napli fejn mar jistudja fil-Konservatorju ta' San Pietro a Majella. Hemmhekk Leoncavallo għamel xi żmien jgħallem ukoll.

Filwaqt li kien qed jgħallem, kemm il-darba pprova jieħu l-produzzjoni ta' opra iżda qatt ma rnexxielu. Fl-1890, instemgħet għall-ewwel darba l-opra Cavalleria Rusticana ta' Pietro Mascagni. Din kienet l-ispinta meħtieġa biex hu stess jikteb l-ewwel opra tiegħu. Interessanti ħafna li l-ewwel opra tiegħu kienet l-unika opra li tgħatu isem li ghadu sal-lum imfaħħar u li ghadu sal-lum jidher fin-numru 19, fuq il-lista tal-aqwa opri tad-dinja! Din kienet l-opra 'I Pagliacci' li ntweriet għall-ewwel darba fl-1892. Kif jgħid il-malti, beda bil-kbir! Leoncavallo, fid-djarju tiegħu jgħid li l-opra kienet ispirata minn proċess ġudizzjarju li missieru stess kien ippressjeda. Mhux ta' b'xejn l-opra hi miktuba bl-istil verissimo!

Is-sena ta' wara kien imiss li jsemma għal darb' oħra f'Milan, opra kompożizzjoni tiegħu li ġġib l-isem ta' I Medici. Għalkemm personalment smajtha u għoġbitni ħafna, din l-opra ma tantx qabdet. Konsegwentament, fl-1896 Leoncavallo ħareġ bl-opra tiegħu Chatterton, li għal darb' oħra ma qabdetx ukoll. Din l-opra spiċċat ftit aħjar minn ta' qabilha għaliex fl-1908, il-kumpanija Gramophone Company irrekordjat din l-opra. Interessanti ħafna li Leoncavallo, kull fejn seta', kien jidderiġi l-opri tiegħu hu nnifsu jew tal-inqas kien jieħu ħsieb il-produzzjoni tagħha.

Fl-1896, Puccini kien ħareġ bl-opra La Boheme, u li kif rajna fl-aħħar ħarġa, din tat isem lil Puccini u anke kienet opra kbira u famuża ġa minn meta nstemgħet għall-ewwel darba. Fl-1897, sena wara, Leoncavallo ħareġ bl-opra li jmiss bl-isem ta' La Boheme u fuq l-istess ħsieb ta' La Boheme ta' Puccini. X'kien il-ħsieb wara din l-opra ghal-Leoncavallo ma nafuhx. Li hu żgur hu li fl-opra tiegħu La Boheme, Leoncavallo ħareġ majestrija kbira u liema bħala, iżda ma kienitx biżżejjed biex għelbet il-fama u lill-ammiraturi ta' Puccini. Illum il-ġurnata, speċjalment fl-Italja, ghadhom jinstemu' xi arji ghat-tenur minn din l-opra.

Fl-1900, Leoncavallo ħareġ bl-opra Zaza, u fl-1904, ħareġ bl-opra Der Roland von Berlin. F'dan iż-żmien, Leoncavallo kien ghaqqad xi mużiċisti u xi kantanti minn La Scala u kien telaq lejn l-Amerka fejn kien ghamel 'tour' mużikali. Dan it-'tour' mużikali kien intlaqa' tajjeb u ghal xi żmien kien reġa' beda jgawdi minn fama tajba. Fl-1912 kien ikkompona l-opra Zingari fejn din intlaqgħet tajjeb u anke waslet sal-Amerka, u sa Londra fit-teatru Hippodrome. Fl-1913 kien ghamel reviżjoni tal-opra La Boheme u kien semmiha Mimi Pinson. Opra oħra ta' dan il-kompożitur kienet l-opra Goffredo Mamelli, li ħafna jqisuha bħala operetta.
Leoncavallo ikkompona numru ta' operetti. Fosthom insibu La jeunesse de Figaro, Malbrouck, La reginetta delle rose, Are you there?, La Candidata, Prestami tua Moglie, A chi la giarretteria, Il Primo bacio, u La Mascera Nuda. Dawn tal-aħħar ma nkitbux eżattament minn Leoncavallo ghaliex inħarġu wara mewtu. Iżda ħafna jattribwixxu l-essenza tax-xogħol ghalih. Biex nifthemu, qabel ma jikkomponi wieħed iħarbex xi ideat fuq karta u wara bit-tħarbix li jkun ghamel ikun jista' jiftaħ it-tema, il-melodija, l-arji, il-melodija ghall-kantanti, u l-iktar ħaġa importanti, l-armonija. Issa,

it-tħarbix u anke xi xogħol mibdi ta' dawn iż-żewġ operetti jattribbwuh lil Leoncavallo. Barra dawn iż-żewġ operetti, insibu wkoll l-opra Edipo Re li ukoll ħafna jaħsbu li għandha l-istess għeruq ta' Leoncavallo, filwaqt li hemm min isostni li din l-opra hi kompletament barranija għal Leoncavallo.

Leoncavallo kien ikkompona wkoll kanzunetta, li saret famuża ferm minn Enrico Caruso li ġġib l-isem ta' Mattinata. Leoncavallo kiteb il-librett għall-opri tiegħu kollha, ħaġa li ftit kienu jagħmluha. Kif rajna wkoll fil-ħarġa li għaddiet, Leoncavallo kellu parti wkoll mill-librett tal-opra Manon Lescout ta' Puccini.

Interessanti ferm tliet kurżitajiet dwar Leoncavallo. L-ewwel waħda hi li fid-dar tiegħu, kellu bust ta' Massenet (1842-1912), kompożitur ieħor famuż franċiż, u li dan il-bust kien tahulu hu stess. Kurżita` oħra hi li darba minnhom, meta kellu 16 il-sena, waqt li kien jagħmel xi apparizzjonijiet fuq il-pjanu, f'Bologna, kien sema' l-opra Tannhauser ta' Wagner, u tant kemm għoġbitu li hu stess stqarr li kien analizzaha fil-fond. Ftit tal-jiem wara, ġara li mar jisma' l-opra Rienzi, u fit-teatru kien hemm Wagner innifsu. Kif spiċċat l-opra irnexxielu jmur jiġri warajh, laħqu u kien qallu li hu kien impressjonah bl-opra Tannhauser u li jixtieq anke hu jkun kompożitur tal-opri. Wagner kien wissieh biex jibqa' perseveranti fl-ambizzjoni tiegħu u li ma jagħtix każ il-ħafna għajdut u l-polemika tan-nies. Waqt li kien qed ikellmu, Wagner qabadlu l-beritta li kien liebes, libishielu hu u filwaqt li baqa' jżomma b'subajh, ġibed ftit xgħar abjad bejn is-swaba l-oħra, uriehomlu u qallu, ''Anke jien għadni nippersevera!''. Leoncavallo jistqarr li din ix-xena baqgħet quddiem għajnejh u li fil-mumenti diffiċli dejjem kien jiftakar f'dak il-kliem tad-'deheb'. It-tielet



kurżita` li kellu Leoncavallo u li kien kixifha ġurnalista meta mar biex jintervistah, kienet li fuq l-iskrivanijja tiegħu kellu inkwatru żgħir ta' Wagner. Kif il-ġurnalista staqsa għaliex, malajr wieġbu ''Dan hu Wagner tiegħi, li qatt ma jitlaqni!''.

Jonathan Abela Surmast Direttur tal-Banda Vittoriosana San Lawrenz

Nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar, 2015 il-Kumitat tas-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz tal-Belt Vittoriosa ħabbar li Mro. Jonathan Abela nħatar Surmast Direttur tal-Banda. Dan ġie deċiż f'Laqgħa tal-istess Kumitat fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla li ħa ħsieb il-proċess kollu. Din il-kariga ser tkun effettiva' min nhar it-Tnejn 3 t'Awwissu, 2015 meta ser isir Programm Speċjali biex isellem lil Mro. Paul Schembri filwaqt li tibda l-era' ta' Mro. Abela.

Wara dan nhar il-Ħadd 1 ta' Frar l-President u l-Kumitat laqgħu fil-Palazz tas-Soċjeta' lis-Surmast Direttur Jonathan Abela .F'diskors ta' merħba l-President is-Sur Lawrence V.Farrugia feraħ lis-Surmast Abela ta' din il-kariga hekk importanti. Huwa saħaq li Mro. Abela għandu jħossu aktar kburi li huwa ntgħażel fi tmiem proċess twil, xi ħaġa li ħadd mill-baned Maltin għadu qatt ma' għamel. Wara s-Surmast Abela ltaqa mal-bandisti, membri u sostenituri tas-Soċjeta' fil-Bar u Restaurant tal-istess Każin.

Biex nhar it-Tnejn 23 ta' Frar, 2015 ġie ffirmat il-Kuntratt bejn is-Soċjeta' Mużikali San Lawrenz u s-Surmast Jonathan Abela. Il-kuntratt jibda mill-1 ta' Marzu, 2015 sa' l-aħħar tas-sena 2020 liema kuntratt jista jiġġedded. L-ewwel impenn tas-Surmast il-ġdid ser ikun fl-iskola tal-mużika tas-Soċjeta' fejn ser jibda t-tagħlim mużikali mix-xahar id-dieħel.

Għalina n-Nisa

riċetta Kejk tat-tamal u t-tuffieħ

Ingredjenti

- 2 kikkri u nofs dqiq Self Raising mgħarbul
- 3/4 ta' kikkra zokkor
- mgħarfa għasel
- 1/2 kikkra butir imdewweb
- 3 bajdiet imħabbtin
- 1/2 kikkra rkotta mgħaffġa
- kuċċarina bikarbonat
- 1/2 kuċċarina trab tal-imsiemer tal-qronfol
- meraq imħallat ta' lumija u larinġa
- ftit qtar tal-vanilja
- qoxra ta' lumija maħkuka
- qoxra ta' larinġa maħkuka

Tħejjija:

1.. Ħokk il-lumija u larinġa u għasarhom.
2.. Ġo skutella ħallat id-dqiq, iz-zokkor, l-irkotta, il-ħwawar u l-qxur taċ-ċitru.
3. Ħawwad imma tħallatx ħafna.
4. Żid il-bajd u ħawwad.
5. Qatta' t-tamal u ħokk it-tuffieħ. Żid mat-taħlita.
6. Dewweb il-butir u ħawwad mal-meraq taċ-ċitru.
7. Ħawwad u fl-aħħar żid il-bikarbonat.
8. Poġġi t-taħlita ġo dixx tal-kejk 23 ċm.
9. Żejjen il-wiċċ bit-tuffieħ u t-tamal.
10. Aħmi f'160°C għal 40 minuta.

Evita l-avvelinament tal-ikel

- Armi dak l-ikel li taħseb li kien hemm fuqu d-dubbien għax dan iġorr miegħu madwar 30 marda.
- Żomm l-ikel fil-friġġ sal-aħħar mument.
- Biegħed minn xulxin l-ikel misjur u l-ikel nej.
- Oħroġ il-borża taż-żibel kuljum u ddisinfetta l-barmil li żżommha fih.
- Meta jibqa' fdalijiet tal-ikel, qabel tarmihom fiż-żibel, gerbibhom fil-gazzetti biex il-qrusa tibqa' ġewwa.
- Qabel tarmi l-kartuna tal-ħalib, laħlaħha b'naqra ilma biex ma tilħaqx trabbi l-qrusa sakemm tittieħed maż-żibel.

L-ottimiżmu sabiħ wisq

Kienu t-tmienja ta' filgħodu u mal-kju li kien hemm, żdied wieħed imdaħħal fl-età, b'wiċċu daħqan.
"Kemm sbaħt ferħan dalgħodu, Pawl! Dan x'kien, jaqaw irbaħt il-lotterija bla ma nafu?! qaltlu waħda mill-ġirien.
"Jien kull filgħodu nisbaħ b'burdata tajba. Taf il-għala? Għax meta niftaħ għajnejja għal jum ġdid, nikkalkulah bħala avventura ġdida għalija, għax dan il-jum ġdid, ma nkun għextu qatt qabel".
Dan tassew raġunar tajjeb. Dan ir-raġel kien iħoss il-ferħ ta' jum ġdid kull meta jqum filgħodu. Ma kienx jaħseb fil-jum tal-bieraħ u lanqas fil-jum ta' għada. "Għada min rah?" kien iħobb jgħid. Kien jimpurtah mill-preżent, mill-ħin li jkun qed jgħix.
Hu diffiċli għall-maġġoranza li taċċetta li l-bieraħ għadda u mar. L-istess ħaġa għall-futur. Kull ħin mgħoddi fuq il-passat u fuq il-futur, hu ħin mitluf. Mhux qed ngħid li ma tiftakar xejn fil-jum tal-bieraħ, l-aktar jekk ikun hemm xi affarijiet pendenti li jridu jiġu rranġati. L-istess għall-futur, inutli taħseb x'jista' jiġri għax ħadd ma jafu dan. Imma li kważi rari tiggosta l-preżent hu nuqqas kbir, għax il-ġmiel tal-preżent ma jitgawda qatt. Hemm ħafna xi tgawdi mill-preżent, l-aktar jekk qed tgawdi saħħtek, jekk għandek is-sensi jaqdu tajjeb, jekk għandek x'tiekol, saqaf fuq rasek, sodda fuq xiex torqod. Ix-xogħol, l-ikel, il-ferħ u l-paċi huma ingredjenti meħtieġa għal kull wieħed u waħda minna.
Il-ferħ tħossu meta taċċetta l-jum u kull minuta ġdida li tgħaddi minn fuqek bħala rigal u tħares lejn il-ħajja b'ħafna ottimiżmu.

Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

"Hemm imbagħad diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej;hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd." (1 Korintin 12:4-6)

IL-MINISTERI FIL-BIBBJA U FIL-KNISJA TAL-BIDU

minn Fr Charles Buttigieg

Fl-Antik Testment

Fl-Antik Testment kien hemm ċertu ministeru fi ħdan il-komunità` Lhudija li kien marbut fuq kollox mat-tempju, u dan kien is-saċerdozju Levitiku mnissel mit-tribu` ta' Levi u imbagħad minn Aronne. Dan kellu tliet karatteristiċi: iż-żelu għall-interessi ta' Jahweh, kienu jkunu separati mill-poplu billi kienu juru ilbies differenti, u kkonsagrati lil Alla. Il-ministeru tagħhom kien ifisser li jxandru l-Kelma, jgħallmu lill-poplu u fil-liturġija tat-tempju u tas-sagrifiċċji jkunu interċessjoni bejn Alla u l-poplu. Insemmu fuq kollox il-profeti, l-għorrief, il-kittieba, il-leviti u l-qaddejja tat-Tempju.

Fil-Ġdid Testment

F'San Pawl insibu diversi ministeri li huma dawn: l-'Appostli' jiġifieri dawk bħalu u bħal Barnaba mibgħuta bħala missjunarji fost il-ġnus, u fuq kollox insemmu t-Tnax magħżula minn Kristu u xhieda tal-ħajja u l-Qawmien tiegħu. Kien hemm il-'Profeti' li kienu l-mexxejja u l-kapijiet tal-komunitajiet u jagħmlu eżortazzjonijiet fil-laqgħat tal-Liturġija. Jissemmew id-'Dutturi' li mal-profeti kienu jieħdu ħsieb il-katekeżi tad-'Didascalia' (l-imxerrdin). Jissemmew id-djakni kemm irġiel u kien hemm xi djakonessi wkoll li fuq kollox kellhom il-ministeru tal-qadi u tad-djakonija fil-komunità`. Kien hemm is-'Sinergon' li kienu kollaboraturi tal-Appostli bħal Timotju, Epafroditu, Akwila, Prixxilla. Jissemmew il-'Pro-istamenoi' li kienu l-presidenti tal-komunità` u fuq kollox l-'Episkopoi', jiġifieri l-ġhassiesa tal-erwieħ (vigilantes) li kienu isqfijiet, iżda t-tradizzjoni Sirjaka tqishom bħala presbiteri. Dawn il-ministri kienu jinħatru bl-approvazzjoni ta' ministri oħrajn, wara li kien jiġi aċċertat li l-kandidat hu idonju, u li fil-bidu dawn setgħu jkollhom il-familja tagħhom u setgħu wkoll jagħmlu xogħol għall-manteniment tagħhom u tal-familja.

Fl-Ittri Pastorali ta' San Pawl naraw il-ministri ordnati (l-isqfijiet Timotju u Titu) li huma kollaboraturi ta' Pawlu maħtura minnu billi poġġa idejh fuqhom u talab fuqhom. Fl-ittri insibu wkoll il-'Presbyteroi' li kellhom jagħtu kont tal-ħidma tagħhom lill-kunsill tal-anzjani li kien imexxi l-komunità`, l-'Episkopoi' li kienu presbiteri li għandhom bħala xogħol li jieħdu ħsieb il-komunità` u d-'Diakonoi' li kienu kollaboraturi ta' dawn it-tnejn.

L-episkopoi kien fuq kollox dak li kien jippresjiedi fuq dan il-kunsill presbiterali. L-Ittra lil-Lhud isemmi l-ewwel nett lil Kristu bħala l-Qassis uniku. Interessanti li nsibu l-ministeru tal-"hegoumenoi" li kienu persuni magħżula mill-komunità` biex jassiguraw lilha l-fedelta` lejn Kristu u l-għaqda bejn il-membri tal-komunità'. L-Ittri ta' Pietru jsemmu li l-fidili kollha għandhom responsabilità` fl-eżercizzju tal-karità` u li l-kapijiet tal-komunità` għandhom iħarsu lejn Kristu bħala mudell għalihom. L-Ittra ta' Ġakbu ssemmi il-presbiteri li jidilku l-morda biż-żejt.

Fil-Vanġeli naraw fuq kollox il-ħidma u l-ministeru ta' Ġesu` li ġie fid-dinja mhux biex jkun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu lill-bnedmin kollha. L-evanġelju ta' San Mark isemmi lit-Tnax bħala mibgħuta minn Kristu biex ifejqu l-morda u jeżorċizzaw, u lid-Dixxipli, mibgħuta jippridkaw u jfejqu l-morda. F'San Mattew naraw lil Ġesu` mgħallem li għandu s-setgħa u li jagħti s-setgħa lit-Tnax li "jorbtu" u "jħollu". San Luqa jsemmi kemm lill-appostli li kienu tnax u lid-dixxipli li kienu tnejn u sebgħin. L-Atti tal-Appostli ta' San Luqa isemmi erba' tipi ta' ministeri, isemmi lill-Appostli li kienu jgħallmu, jagħtu xhieda ta' Kristu quddiem il-qrati, imexxu, jiggarantixu l-unità` fil-Knisja, is-seba' djakni, ministeru mwaqqaf mill-Appostli biex jgħin fil-ħafna xogħol li huma kellhom fil-komunitajiet insara ġejjin mill-Ġudajiżmu Ellenista, li ġew ippreżentati quddiem l-Appostli li talbu flimkien u poġġew idejhom fuqhom. Għandna wkoll il-Profeti li kienu jaħdmu fi ħdan il-komunità` tal-Knisja ta' Ġerusalemm, u l-Presbiteri, presbiteri jew anzjani li jiffurmaw Kunsill, minn dawn l-anzjani kienu jiġu magħżula s-suċċessuri tal-Appostli. San Ġwanni jsemmi li fil-komunità` hemm servizz sagramentali tal-Magħmudija u tal-Ewkaristija, servizz tal-Kelma, u servizz tal-karità`.

Fit-Tradizzjoni Apostolika

Fl-ewwel seklu fost il-persekuzzjoni mil-Lhud (skont 'baraita' tat-talmud ta' Babilonja kellhom saħta kontra l-insara u l-ereticì msejħa 'birkath ha-minim') u r-Rumani, nsibu li d-Didache` (ta' oriġini Antijokena, miktub bejn 50 - 70 A.D.) isemmi l-Appostli, il-Profeti u d-Dutturi. Ittra ta' Klement Papa lill-Korintin (95-98) issemmi lill-Isqof, il-presbiteri u d-djakni. Dan huwa kkonfermat fil-Pastor ta' Hermas (bejn 75 u 180) u t-Traditio Apostolica ta' San Ipollitu ta' Ruma fit-tieni seklu. Insemmu fl-aħħar nett id-diversi ministeri fil-Knisja tal-bidu bħal-letturi (lector), ostjarji (ostiarius, mal-bieb), kanturi u ministeri oħrajn marbuta mad-djakonija. Fil-fatt il-Papa Kornelju (251-253) jagħtini evidenza ċara dwar il-ministeru tal-akkolitat (acolythus, dawk li jġorru x-xema' waqt il-qari) fl-ittra tiegħu li jibgħat lill-Isqof Favjanu ta' Antijokja. Anke Ċiprijanu ta' Kartaġni fl-istess żmien isemmi l-preżenza ta' dawn l-akkoliti. Fil-bidu tas-seklu ħamsa l-akkoliti kienu jġorru l-ħobż ikkonsagrat (fermentum) mill-quddiesa tal-Isqof għall-knejjes oħra kif jurina l-Papa Innoċenzu I. Għalhekk il-ministeru ta' dawn l-akkoliti kien importanti bħal ma' naraw fl-istorja ta' San Tarċisju u dan kien juri li l-insara kienu jiċċelebraw ta' kuljum il-qsim tal-ħobż kif naraw fl-Atti tal-Appostli 2:46. Kemm Tertulljanu, San Ċiprijanu, Klement ta' Lixandrija, Oriġene, San Bażilju, San Ambroġġ u San Ġirolmu jiktbu li l-insara kienu jiċċelebraw l-qsim tal-ħobż ta' kuljum u mhux biss fil-Jum il-Mulej tal-Ħadd. Iżda żgur li kien xi knejjes speċjalment dawk griegi li kienu jiċċelebraw l-ewkaristija inqas frekwenti bħal nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd biss jew nhar ta' Ħadd biss.

Konklużjoni

Ma' dawn il-ministeri marbuta mal-Ordni sagri hemm ministeri oħra fi ħdan il-poplu t' Alla. Hemm ukoll il-ministeri istitwiti bħal Lettorat u Akkolitat u hemm ħafna ministeri li m'humiex istitwiti imma xorta waħda huma mogħtija minn awtorità` ekkleżjali. Dawn il-ministeri tal-Knisja mogħtija lil-lajċi nsara jinkludu: il-katekisti, salmisti u l-kanturi, ministri straordinarju tat-tqarbin, letturi, kummentatur, animatur, ostjarji, tal-qadi tal-artal, sankristan, tal-morda, tat-talb, tal-konsolazzjoni, tal-faraġ u adoraturi.

Biblijografija

Beckwith, R.T., "The daily and weekly worship of the primitive Church in relation to its Jewish antecedents", in The Evangelical Quarterly 66 (1984) 65-80.

BRANDOLINI L., Il Ministero Straordinario dell'Eucaristia in una Chiesa tutta ministeriale, Sussidi Pastorali 9, Roma 1983.

Bruce, F.F., "The Greek Language and the Christian Ministry", in Clifton Theological College Magazine (1956) 5-10.

Clark, A.C., "Apostleship: Evidence from the New Testament and Early Christian Literature", in Vox Evangelica 19 (1989) 49-82.

"Instruction on certain questions regarding the collaboration of the Non-Ordained Faithful in the Sacred Ministry of Priests", in L'Osservatore Romano, 19 November 1997.

NARDONI, E., "The Concept of Charism in Paul" in CBQ 55 (1993) 68-80.

VANHOYE, A., I Carismi nel Nuovo Testamento, Pontificio Istituto Biblico (ed.), Roma 2002.

Van Slyke, D.G., "Consecration to the office of Acolyte in historical perspective", in Usus Antiquior 2 (2011) 89-128.

Wiċċ Imb'Wiċċ mas-Surmast Jonathan Abela

minn Paul Micallef

Naħseb kull min hu midħla tas-Soċjeta` tagħna jaf li l-maħbub surmast li kellna Pawlu Schembri minħabba l-eta` iddeċieda li jerfa' il-pakketta u jħalli d-direzzjoni tal-Banda tagħna f'idejn iktar żagħżugħa. Minn hawn nieħu l-opportunita` biex inroddlu ħajr tas-servizz twil u impekkabbli li għamel mal-banda tagħna. Wara proċess twil u laburjuż il-kumitat iddeċieda li jagħti din il-kariga lil surmast ġdid, ferm iżgħar fl-eta` u l-ġażla waqgħet fuq Jonathan Abela.

Għalhekk kien bix-xieraq li l-interviżta ta' din il-ħarġa issir lis-surmast il-ġdid biex flimkien insiru nafuh.

Jonathan lili kien jafni għax xi żmien ilu konna inqattgħu xi ħin nilagħbu l-ballun il-ground tal-Kalkara u naturalment rajtu kemm il-darba jdoqq ma' diversi baned fil-festi meta kont qed naqdi dmiri fir-rwol tiegħi ta' mejda tal-qubbajd.

Xi ħaġa li ma kontx naf li għalkemm hu trabba l-Kalkara pero` bħala familja kienu joqogħdu l-Birgu u tgħammed fil-parroċċa tagħna. Hu għandu lill-familja Brown bħala qraba tiegħu għax Joe Brown jiġi z-ziju tieghu u anke s-surmast magħruf Joe Brown jiġi kuġinuh. Saħansitra n-nannu tiegħu, Samuel u z-zijiet Harry u Sammy Brown, kienu kollha jdoqqu mal-banda tagħna.

Jonathan bħal kważi kulhadd tal-eta` tiegħu twieled l-isptar Tal-Pieta` fis-16 t' April 1972 u sa tliet snin kienu joqogħdu fi Triq La Valette. Missieru jismu Carmelo u ommu Mary appuntu xebba Brown. Jonathan għandu oħtu ikbar minnu bl-isem ta' Terry. Wara bħala familja marru joqogħdu fi Triq il-Kappuċċini Ħaż-Żabbar, fejn baqa' hemm sakemm iżżewweġ.

Edukazzjoni u Impjieg

Bħala l-ewwel edukazzjoni bikrija hu attenda il-Kindergarden u l-primarja Ħaż-Żabbar. Bħala sekondarja hu mar tal-Ħandaq Ħal-Qormi u wara daħal fil-Kulleġġ tal-Agrikultura, l-Għammieri. Wara hu beda jistudja l-IT. Bħala l-ewwel xogħol hu daħal mal-Gvern fil-Laboratorju tal-Għammieri u wara bħala Laboratory Technician fl-iskola Paolino Vassallo u wara ta' Verdala, Bormla. Wara li ġab Diploma fit-Teknoloġija tal-Informatika, hu daħal jaħdem bħala ICT Officer l-ewwel fid-Dipartiment tat-Turiżmu, l-OPM u issa fil-Ministeru tas-Saħħa u Enerġija. Inċidentalment jaħdem fl-istess triq tax-xogħol tiegħi.

Familja

Hu żżewweġ lil Lorraine fil-knisja tal-Kappuċċini fil-birthday tiegħu, fis-sena 1994 u għandu 2 tfal. Luke ta' 18 il-sena li ddakkar minn missieru u jdoqq id-drums u Gabriel ta' 14 il-sena li llum idoqq il-kitarra. Ta' min jinnota li minħabba li martu jisimha Lorraine, xebba Grech, mill-ewwel daqqli s-sinjal u ikkonfermajt li hi imsemmija għal San Lawrenz minħabba li nannuha kien mill-Birgu.

Ħajja Soċjali

Kontra tfal oħra tal-eta` tiegħu hu ma ħax l-ewwel duttrina nisranija għand tal-mużew iżda għand il-patrijiet Kappuċċini tal-Kalkara. Bħala abbati hu għamel 10 snin il-Kappuċċini stess. Meta beda jitfarfar hu kien membru tal-Għaqda Żgħażagħ tal-istess kommunita` bl-isem ta' Għaqda Żgħażagħ Ferħana. Kien anki wkoll fil-kumitat u kellu parti mill-organizazzjoni ta' reċti, ħarġiet, logħob tal-futbol, iljieli Maltin u tant attivitajiet oħrajn. Bħala ħruġ kien imur fl-area ta' Tas-Sliema u Paceville.

Fil-Birgu

Għalkemm hu trabba l-Kalkara pero` hu xorta kien jinżel ħafna l-Birgu għand nanntu li kienet għadha toqgħod fi Triq Santa Skolastika. L-aktar ġranet li kienu għal qalbu kienu il-jiem tal-festa ta' San Lawrenz u anke l-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Ġhid. Tant hu hekk li anke ġieli refa' fil-proċessjoni tagħna fil-vari ta' Kristu mejjet u l-Veronika... (ħaddem moħħu s-Surmast fil-vari zgħar biss refa'!).

Sports

Jonathan iħobb ukoll l-isports u anke kien jippratikah. Għamel żmien jilgħab il-ballun fil-ground tal-futbol tal-Kalkara, wara lagħab mal-minors tat-team ta' Ħaż-Żabbar tas-St. Patricks u wara anke mal-Kalkara iżda b'sorpriża għalija bħala goaler. Dan għaliex meta konna nilagħbu flimkien hu dejjem lagħab bħala player.

Mużika

Forsi kontra nies oħra li kienu mdawwra bil-mużika, ir-rabta ta' Jonathan mal-mużika kienet differenti għal kollox. Nistgħu ngħidu li hu skopra l-mużika meta relattivament kien kbir, ta' 17 il-sena. Qisu kellu vokazzjoni tardiva. Jiftakar li darba mar il-festa tal-Kalkara u hemm meta sema' sew il-ħoss bandistiku kebbset fih l-ewwel xrara ta' ġibda lejn din l-arti. Jonathan kompla li imbgħad hu kien mar fil-festa tal-Birgu fis-sena taċ-Ċentinarju tal-Parroċċa fl-1990 u meta f'dawk iċ-ċelebrazzjonijiet ħadu sehem ħafna baned iddeċieda li dik

kienet il-linja tiegħu. Għidtlu mhux bilfors tibda tħobb il-ħoss tal-mużika tal-banda meta min jaf kemm il-darba smajt jindaqq l-innu ta' Galea u l-innu marċ ferrieħi ta' Frendo!

Alljiev

Minħabba li missieru kien minn Ħaż-Żabbar u kien midħla sew tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, iddeċieda li jmur jitgħallem it-trumbun fil-każin tal-Banda Mater Maria Gratia li tagħha kien għadu kemm laħaq surmast Ray Sciberras. Fil-fatt hu ħareġ idoqq fis-sena 1991.

Studju avvanzat

Studja l-mużika bħala teorija għand l-istess surmast Sciberras u għadu jistudja sal-lum. Hu għandu l-ewwel Diploma fit-teorija A.Mus.LCM. Kompla jissaħħaħ fl-istudju tal-istrument għand diversi surmastrijiet. Jonathan firex l-istudji tieghu anke fi strumenti oħra fosthom pjanu, kitarra, violincello u anke l-bass guitar li jdoqqha regolarment.

Bandist u mużiċist

Wara beda jdoqq ma' diversi baned kif ukoll anke ma' bands oħrajn, fosthom anke mal-Orkestra Nazzjonali fuq bażi part-time. Apparti baned barra minn Malta mar mal-grupp folkloristiku "Etnika" il-Greċja, Spanja u anke l-Ġermanja.

Direzzjoni

Minħabba l-kwalitajiet li wera kemm fil-qasam mużikali kif ukoll fuq bażi personali, hu l-ewwel ġie magħżul bħala assistent surmast u eventwalment wara, fis-sena 2003 hu ġie promoss għal kariga ta' surmast mal-banda San Ġużepp tal-Kalkara, popolarment magħrufa bħala tal-Malta.

Minbarra surmast il-Kalkara u issa il-Birgu, Jonathan kien ukoll assistent surmast tal-banda San Bert tal-Għargħur, tal-Beland taż-Żejtun, ta' San Girgor tas-Sliema u anke kien jgħallem il-banda ta' Ħaż-Żabbar.

Bandist mal-banda tagħna

Bħala bandist fil-passat hu ġieli daqq mal-banda tagħna kemm marċijiet, programmi tal-festa kif ukoll fil-kunċert annwali. Għalhekk min jaf kemm il-darba nefaħ il-Frendo u l-Galea u ta' Schembri! Hu kien ukoll idoqq f'ħafna parroċċi ma' Dun Ġwann Galea u meta minħabba impenji oħra ma setax ikompli iddeċieda li jżomm biss il-festa tagħna. Ir-raġuni kienet sempliċi. Biex ikollu ċans idoqq l-antifona sabiħa li għandna speċjalment nhar il-festa hi u dieħla l-istatwa titulari, sakemm il-miġemgħa kienet tħallihom u ma tispiċċax xi "O Levita minn tal-Knisja" titla' minn isfel akkumpanjata biċ-ċapcip li ħesrem twaqqaf in-noti ta' Dun Alwiġ Fenech.

Xogħol Mużikali Ieħor

Illum Jonathan daħal ukoll fil-qasam tal-arranġamenti mużikali kif ukoll ta' kompożizzjonijiet. Fil-fatt hu kkompona diversi marċijiet brijużi u funebri, valzi, innijiet u diversi siltiet mużikali fosthom tliet tone poems.

Surmast tagħna

Meta staqsejtu għaliex applika biex ikun surmast tal-banda tagħna, b'mod sinċier hu weġibni li l-Banda San Lawrenz għandha għeruq fondi mhux biss mill-aspett tal-amministrazzjoni iżda anke wkoll il-bini imponenti jiddomina il-pjazza tal-Birgu u għalhekk qiegħed fil-qalba tal-ħajja soċjali ta' din il-Belt.

Hu kompla "li din il-banda ili nafha u għalkemm tlaqt mill-Birgu meta kont għadni żgħir ħafna xorta nħossni home hawn".

Meta komplejt nistaqsih x'kienet ir-reazzjoni tiegħu meta kien jaf li ntgħażel bħala surmast, hu weġibni li kellu fiduċja kbira li kien se jintgħażel. Hu feraħ ħafna u għalih kien sodisfazzjon u unur kbir li se jmexxi banda bħal m'hi tagħna.

Hu żied jgħid li safejn jaf hu f' każini oħra s-surmast ikun 'handpicked' mill-kumitat. Fil-każ tiegħu kien hemm proċess demokratiku u trasparenti u jaf li l-banda tas-Siġġiewi biss kienu għamlu xi ħaġa simili. Hu ammira lill-kumitat li kien serju sakemm wasal għad-deċiżjoni u l-fatt li kien hemm kommunikazzjoni tajba mal-parteċipanti kollha.

Għan

Staqsejtu dwar x'inhuma l-għanijiet tiegħu għall-banda tagħna. Hu weġibni li l-għan ewlieni tiegħu hu li jtejjeb il-ħoss tal-banda filwaqt li jaħdem biex il-każin tagħna jkun iktar imfittex bħala ċentru ta' tagħlim mużikali. Hu jixtieq li sakemm idum hu, jgħaqqad banda b'elementi li s'issa m'hemmx u hekk isaħħaħ il-banda. Hu saqajh mal-art u jaf li fil-Kottonera r-riżorsi huma skarsi u għalhekk jixtieq ikabbar ir-relazzjoni bejn iż-żewġ każini li jmexxi hu u hekk nagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi li għandna.

Hu ghalaq billi saħaq li jrid jaħdem għall-futur sabiħ tal-banda tagħna u jħalli marka pożittiva bil-ħidma tiegħu. Ghalaq hekk "Naf li din se tkun sfida kbira għalija pero` se nagħmel ħilti kollha biex dan iseħħ".

B'dan il-kliem li jimlik b'kurġġg jien sellimtlu u awgurajtlu li dak li jixtieq jaghmel, bil-koperazzjoni ta' kulħadd, iseħħ. Naħseb li taqblu miegħi.

ATTIVITÀ GĦAX-XHUR TA' MARZU - APRIL 2015

It-Tnejn 2 ta' Marzu	Fis-6.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Festa Surmast Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummisjoni Ġimgħa Kbira
L-Erbgħa 4 ta' Marzu	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu	Fis-7.00 pm Is-Surmast il-ġdid jiltaqa' mal-Bandisti u Aljievi
It-Tnejn 16 ta' Marzu	Fis-7.00 pm Laqgħa mal-Kumitat Festa San Lawrenz.
It-Tlieta 17 ta' Marzu	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
L-Erbgħa 18 ta' Marzu	Final u Presentation Snooker Competition
Il-Ħamis 19 ta' Marzu	Festa Pubblika San Ġużepp
Il-Ħamis 26 ta' Marzu	Fis-7.30 pm Ftuħ tal-Wirja Getsemani
Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu	Tifkira tad-Duluri tal-Madonna Omm Ġesù Wirja Getsemani
Il-Ħadd 29 ta' Marzu	Ħadd il-Palm - Wirja Getsemani
It-Tnejn 30 ta' Marzu	Wirja Getsemani
It-Tlieta 31 ta' Marzu	Festa Pubblika - Jum il-Ħelsien - Wirja Getsemani
L-Erbgħa 1 t' April	Wirja Ġetsemani
Il-Ħamis 2 t' April	Tifkira tat-Twaqqif tal-Ewkaristija - Wirja Getsemani
Il-Ġimgħa 3 t' April	Tifkira tal-Mewt ta' Sidna Ġesu` Kristu - Wirja Getsemani Sehem tal-Banda San Lawrenz fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira
Is-Sibt 4 t' April	Filgħodu żarmar tal-Wirja Wara l-Funzjoni ta' Sibt il-Għid - Buffet fil-Każin
Il-Ħadd 5 t' April	ĦADD IL-GĦID Sehem tal-Banda San Lawrenz fil-proċessjoni ta' Kristu Rxoxt
L-Erbgħa 8 t' April	Fl-10.00 am Laqgħa tal-Kummissjoni Finanzi
Il-Ħadd 12 t' April	Fl-10.00 am Tberik tal-Każin
It-Tlieta 14 t' April	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kumitat Ċentrali
Il-Ħamis 16 t' April	Tkomplija tal-kawża fil-Qorti dwar il-garaxx f'Tal Ħawli
Il-Ġimgħa 17 t' April	Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Attivita` Soċjali
It-Tlieta 21 t' April	Fis-6.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Festa Surmast Fis-7.00 pm Laqgħa tal-Kummissjoni Ġimgħa Kbira

hsbc.com.mt
2380 2380
HSBC
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444

MIFSUD GARAGE LTD.

IRONMONGERY

Għal dak kollu li wieħed ikollu bżonn għad-dar

56, La Vallette Street, Vittoriosa

Tel: 2180 7535

Breakaway Travel
Blacktown

George Vella
Managing Director

94 Cnr Main & Campbell Street
BLACKTOWN NSW 2148
PO Box 27, BLACKTOWN NSW 2148

Tel: 02 9622 7799
Fax: 02 9671 6706
Mobile: 0408 079 246
Email: gvella@breakawaytravel.com.au

Proud to be associated with the Committee of the St Lawrence Band Club, Vittoriosa, Malta

SOCJETÀ MUZIKALI SAN LAWRENZ
BELT VITTORIOSA
A.D. 1883